

Brussell, 27 ta' Mejju 2024
(OR. en)

7628/24
COR 1 (en, fr, de, it, nl, da, es, pt, fi, sv, cs, et, lv, lt, hu, mt, nl, pl, sk, sl, bg, ro, hr, ga)

ENV 283
SAN 149
CONSOM 101
AGRI 206
DELECT 50

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2024) 1454 final/2
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 11.3.2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2024) 1454 final/2.

Mehmuż: C(2024) 1454 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.3.2024
C(2024) 1454 final/2

This document corrects document C(2024)1454 final of 11.3.2024.
It concerns all language versions of the annex, except the Greek version.
Point (3), first paragraph, under the heading ‘Identification of potential hazards and hazardous events’ in the annex was missing.
The text shall read as follows:

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 11.3.2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-riżorsi tal-ilma tal-Unjoni qed jiġu dejjem aktar taħt pressjoni, u dan qed iwassal għal stress idriku f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima, ix-xejriet tat-temp imprevedibbli u n-nixfa qed jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-pressjoni fuq id-disponibbiltà tal-ilma ħelu. Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari¹ u l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima² jirreferu għall-użu mill-ġdid u bmod aktar wiesa' tal-ilma mormi u ttrattat bħala għodda ewlenija biex tissaħħa il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għall-pressjonijiet li qed jiżdiedu fuq ir-riżorsi tal-ilma. Tali Prattika tista' tillimita l-estrazzjonijiet mill-ilma tal-wieċ u ta' taħt l-art, filwaqt li tippromwovi l-konservazzjoni tal-ilma bil-għan li tgħin biex jiġi rrestawrat ċiklu tal-ilma aktar sod, f'konformità mal-oġettiv ġenerali tar-reżiljenza tal-ilma li l-Unjoni Ewropea ppromwoviet fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma ta' Marzu 2023.

Il-leġislazzjoni eżistenti tirreferi għall-prattika tal-użu mill-ġdid tal-ilma. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE³ ssemmi l-użu mill-ġdid tal-ilma, flimkien mal-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma fl-industrija u tekniki ta' tisqija li jiffrankaw l-ilma, bħala waħda mill-miżuri supplimentari li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw biex jilhqnu l-oġettivi ta' status kwalitattiv u kwantitattiv tajjeb għall-korpi tal-ilma tal-wieċ u ta' taħt l-art. Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi 91/271/KEE⁴ tirrikjedi li l-ilma mormi ttrattat jintuża mill-ġdid kull meta jkun xieraq. Ir-reviżjoni leġislattiva li qed issirilha ssaħħa tali rekwiżit.

Il-ġestjoni robusta tar-riskju hija element ewleni tas-sikurezza biex titrawwem il-fiduċja tal-pubbliku f'din il-prattika.

Dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju fir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma

Ir-Regolament 2020/741 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma⁵ (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma) jistabbilixxi rekwiżiti minimi armonizzati tal-kwalità tal-ilma għall-użu mill-ġdid sikur tal-ilma urban mormi ttrattat għat-tisqija agrikola. Huwa jistabbilixxi wkoll rekwiżiti minimi ta' monitoraġġ, dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju biex jiġu vvalutati u indirizzati r-riskji addizzjonali potenzjali għas-saħħa u għall-ambjent, rekwiżiti ta' ħruġ tal-permessi u dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza, fejn l-informazzjoni ewlenija dwar kull proġett ta' użu mill-ġdid tal-ilma ssir disponibbli għall-pubbliku.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari - Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva (COM/2020/98 final).

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (COM/2021/82 final).

³ Id-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>)

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1991/271/oj>)

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma, (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/741/oj>)

Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, il-produzzjoni u l-provvista tal-ilma reklamata huma soġġetti għal permess. Il-permessi jridu jkunu bbażati fuq pjan ta' ġestjoni tar-riskju bir-reqqa (l-Artikolu 6(3)), li jrid jirrispetta r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5. Barra minn hekk, l-Anness II jelenka l-elementi ewlenin kollha li jrid jindirizza pjan ta' ġestjoni tar-riskju. Il-ġestjoni tar-riskju tirrikjedi l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji b'mod proattiv. Permezz ta' analiżi bbażata fuq l-elementi ewlenin tal-Anness II, pjan ta' ġestjoni tar-riskju għandu jidentifika kwalunkwe rekwiżit addizzjonali tal-kwalità tal-ilma meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni suffiċjenti tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-ġestjoni tar-riskju hija eżerċizzju kumpless, ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tiżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-Anness II. Tali speċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu konformi wkoll mal-linji gwida u l-istandards internazzjonali, bħal dawk prodotti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Dan ir-Regolament Delegat ġie żviluppat abbażi ta' diversi studji tekniċi — inklużi r-rapporti “Rekwiżiti minimi tal-kwalità għall-użu mill-ġdid tal-ilma fit-tisqija agrikola u fl-iċċarġjar mill-ġdid tal-akwifer – Lejn strument legali dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma fil-livell tal-UE”⁶ u “Gwida Teknika – Ġestjoni tar-Riskju tal-Użu mill-Ġdid tal-Ilma għall-Iskemi ta' Tisqija Agrikola fl-Ewropa”⁷ mħejjija miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) — u abbażi ta' linji gwida u standards rikonoxxuti internazzjonalment, b'mod partikolari l-Manwal tal-WHO dwar l-Ippjanar tas-Sikurezza tad-Drenaġġ⁸, ISO 20426 (2018)⁹, ISO 16075-1 sa 2 (2020)¹⁰ u l-Linji Gwida Awstraljani għar-Riċiklaġġ tal-Ilma (2006)¹¹.

Bejn Mejju u Novembru 2021, ġew organizzati ħames workshops tekniċi dwar il-ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma. Dawn ipprovdew opportunità għall-awtoritajiet, għall-kumpaniji tat-trattament tal-ilma u għal partijiet ikkonċernati oħrajn biex jiddiskutu u jqajmu kwistjonijiet. Dawn irriżultaw f'għabra ta' studji ta' każijiet, li jistgħu jiġu kkonsultati fil-Gwida Teknika tal-JRC imsemmija hawn fuq.

Esperti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati miġbura fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, stabbilit taħt l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni (CIS)¹², kienu involuti mill-qrib fid-diskussjoni teknika dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-

⁶ Alcalde-Sanz, L. u Gawlik, B.M., *Minimum quality requirements for water reuse in agricultural irrigation and aquifer recharge - Towards a legal instrument on water reuse at EU level*, Il-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2017, JRC109291.

⁷ Maffettone, R. and Gawlik, B.M., *Technical guidance: water reuse risk management for agricultural irrigation schemes in Europe*, European Commission, Luxembourg, 2022, JRC 129596.

⁸ WHO, *Sanitation safety planning: manual for safe use and disposal of wastewater, greywater, and excreta*, Geneva, 2016.

⁹ ISO 20426: 2018. Il-linji gwida għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju għas-saħħa għall-użu mill-ġdid tal-ilma mhux tajjeb għax-xorb.

¹⁰ ISO 16075-1:2020 Linji gwida għall-użu tal-ilma mormi ttrattat għall-proġetti ta' tisqija — il-Parti 1: Il-bażi ta' proġett ta' użu mill-ġdid għat-tisqija; ISO 16075-2:2020 Linji Gwida għall-użu tal-ilma mormi ttrattat għall-proġetti ta' tisqija — il-Parti 2: L-iżvilupp tal-proġett.

¹¹ NRMCC-EPHC-AHMC, *Australian guidelines for water recycling: managing health and environmental risks (phase 1)*. *National Water Quality Management Strategy*, Canberra, 2006.

¹² <https://circabc.europa.eu/ui/group/9ab5926d-bed4-4322-9aa7-9964bbe8312d/library/dd9b4484-2935-4ee8-b3ce-72f844f3644c>

ġestjoni tar-riskju. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Ilma u l-Għargħar¹³ kien ukoll involut mill-qrib fid-diskussjonijiet u nġhata l-opportunità li jikkummenta dwar l-abbozz ta' Regolament Delegat u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jstabbilixxi. Saru laqgħat preparatorji bejn is-17 u t-18 ta' Novembru 2022, bejn it-13 u l-14 ta' Marzu 2023 (Grupp ta' Ħidma dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma) u fis-16 ta' Ottubru 2023 (Grupp ta' Esperti).

L-abbozz ta' Regolament Delegat kien miftuħ għall-feedback tal-pubbliku bejn 11/01/2024 u 08/02/2024. B'kollox waslu 32 kontribuzzjoni: 6 minn awtoritajiet pubbliċi, 2 minn istituti tar-riċerka, 14 minn assoċjazzjonijiet tal-impriżi, 3 minn NGOs u 7 miċ-ċittadini. Għadd żgħir ta' kontribuzzjonijiet, aktar milli taw opinjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għall-prinċipju li l-ilma jintuża mill-ġdid. Kontribuzzjonijiet oħrajn appellaw biex jiġu stabbiliti parametri speċifiċi, lil hinn mir-rekwiżiti minimi stipulati mir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma. Oħrajn offrew suġġerimenti speċifiċi li għenu biex tjiebet il-kwalità tal-abbozzar.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 5(5) tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma jipprovdi l-bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament Delegat. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 5(5) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jissupplimentaw ir-Regolament biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II tal-istess Regolament.

Dan ir-Regolament Delegat huwa strutturat kif ġej:

- L-Artikolu 1 jiddikjara li l-Anness tar-Regolament Delegat jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju tal-Anness II tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma.
- L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà tar-Regolament Delegat.
- Fl-aħħar nett, l-Anness ta' dan ir-Regolament Delegat jipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa tal-elementi ewlenin kollha tal-ġestjoni tar-riskju, sabiex il-partijiet responsabbli jkunu jistgħu jfasslu pjanijiet robusti għall-ġestjoni tar-riskju u jiżguraw is-sikurezza tal-proġetti tal-użu mill-ġdid tal-ilma.

¹³ Ippubblikat fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u ta' Entitajiet Simili Oħrajn, in-numru tal-kodiċi E03687.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.3.2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma¹⁴, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 2020/741 jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma sikur għat-tisqija agrikola. L-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament jirrikjedi li l-produzzjoni u l-provvista ta' ilma reklamati ikunu soġġetti għal permess, u li tali permess għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' ġestjoni tar-riskju. L-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament jirrikjedi, min-naħa tiegħu, li l-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma jkunu bbażati fuq l-elementi tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-iżvilupp ta' pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma jista' jkun eżerċizzju kumpless, li jirrikjedi approċċ multidixxiplinarju u l-involvement ta' diversi atturi fit-tħejjija tiegħu. Għal din ir-raġuni, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 2020/741 biex jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma jkunu robusti, ta' kwalità għolja u bbażati fuq approċċ sistematiku. L-għan huwa li jiġi stabbilit f'aktar dettall kif l-awturi tal-pjan ta' ġestjoni tar-riskju u l-assessuri tar-riskju involuti fl-istabbiliment tiegħu jenħtieġ li jikkunsidraw b'mod xieraq l-elementi ewlenin kollha permezz ta' analiżi strutturata u komprensiva tas-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma. Jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw il-protokollu eżistenti ta' valutazzjoni u ġestjoni tar-riskju biex jitħejja pjan ta' ġestjoni tar-riskju, diment li jiġu rrispettati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'dan ir-Regolament Delegat.
- (3) Sabiex il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju jipprovdu evidenza solida biex isostnu l-istabbiliment ta' miżuri preventivi u ostakli u biex jiżguraw li t-tisqija b'ilma reklamati tkun sikura għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent, jenħtieġ li din tkun

¹⁴ ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32-55

appoġġata mill-aktar evidenza xjentifika affidabbli disponibbli u minn sorsi ta' sostenn oħrajn, iddokumentati bis-sħiħ fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju.

- (4) Is-sistemi tal-użu mill-ġdid tal-ilma fis-seħħ fl-Istati Membri jistgħu jvarjaw fl-istabbiliment tagħhom u jistgħu jaqdu għadd kbir ta' utenti finali. Barra minn hekk, pjan wieħed ta' ġestjoni tar-riskju jista' jkopri aktar minn sistema waħda ta' użu mill-ġdid tal-ilma, f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/741. Jenħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju jkunu flessibbli biżżejjed biex jakkomodaw dawn id-differenzi, filwaqt li jipprovdu ħarsa ġenerali komprensiva lejn is-sistema u informazzjoni suffiċjenti biex jagħmluha possibbli li jiġu identifikati r-riskji potenzjali kollha involuti.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju stipulati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 2020/741 huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.3.2024

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN